17.4.2019

B8-0242/2019 }
B8-0243/2019 }
B8-0244/2019 }
B8-0246/2019 }
B8-0248/2019 }
B8-0250/2019 }
B8-0251/2019 } RC1/Am. 1

**Emenda 1**
**Malin Björk, Marie-Christine Vergiat, Helmut Scholz, Marisa Matias, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Miguel Urbán Crespo, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Stelios Kouloglou**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL, EFDD**
dwar il-Brunei

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-aħħar elezzjonijiet fil-Brunei saru fl-1962; billi s-Sultan jokkupa r-rwoli kemm ta' Kap tal-Istat kif ukoll ta' Prim Ministru, u huwa mogħti awtorità eżekuttiva sħiħa; | D. ***billi l-Brunei huwa wieħed mill-ftit monarkiji assoluti fid-dinja li għadu qed iżomm sistema fewdali;*** billi l-aħħar elezzjonijiet fil-Brunei saru fl-1962; billi s-Sultan jokkupa r-rwoli kemm ta' Kap tal-Istat kif ukoll ta' Prim Ministru, u huwa mogħti awtorità eżekuttiva sħiħa; |

Or. en

**Emenda 2**
**Malin Björk, Marie-Christine Vergiat, Helmut Scholz, Marisa Matias, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Miguel Urbán Crespo, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Stelios Kouloglou**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL, EFDD**
dwar il-Brunei

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jikkundanna bil-qawwa ***d-dħul fis-seħħ*** tal-Kodiċi Penali ***tax-Xarija retrogradu***; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Brunei biex iħassruh minnufih u jiżguraw li l-liġijiet tal-Brunei jikkonformaw mad-dritt u l-istandards internazzjonali, b'mod konsistenti mal-obbligi tal-Brunei taħt l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fir-rigward tal-minoranzi sesswali, il-minoranzi reliġjużi u dawk li ma jemmnux; | 1. ***Jikkundanna bil-qawwa l-istrumentalizzazzjoni tar-reliġjon mill-awtoritajiet sabiex jimminaw l-aktar drittijiet bażiċi tal-popolazzjoni; jikkundanna bil-qawwa t-tielet stadju tal-implimentazzjoni tal-Ordni*** tal-Kodiċi Penali ***tal-2013***; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Brunei biex iħassruh minnufih u jiżguraw li l-liġijiet tal-Brunei jikkonformaw mad-dritt u l-istandards internazzjonali, b'mod konsistenti mal-obbligi tal-Brunei taħt l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fir-rigward tal-minoranzi sesswali, il-minoranzi reliġjużi u dawk li ma jemmnux; |

Or. en

17.4.2019

B8-0242/2019 }
B8-0243/2019 }
B8-0249/2019 }
B8-0246/2019 }
B8-0248/2019 }
B8-0250/2019 }
B8-0251/2019 } RC1/Am. 3

**Emenda 3**
**Malin Björk, Marie-Christine Vergiat, Helmut Scholz, Marisa Matias, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Miguel Urbán Crespo, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Stelios Kouloglou**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL, EFDD**
dwar il-Brunei

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 15. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirrispettaw il-qafas ġuridiku internazzjonali fir-rigward tal-aċċess għall-proċeduri ta' ażil u protezzjoni umanitarja għall-vittmi tal-Kodiċi Penali attwali tal-Brunei; | 15. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirrispettaw il-qafas ġuridiku internazzjonali fir-rigward tal-aċċess għall-proċeduri ta' ażil u protezzjoni umanitarja għall-vittmi tal-Kodiċi Penali attwali tal-Brunei; ***jappella għal proposta leġiżlattiva biex jiġu stabbiliti viżi umanitarji Ewropej;*** |

Or. en